TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 36/25/F

Clint Genovese (KI 0173399M)

vs

Throttle & Gear Co. Ltd. (C-95279)

Illum, 12 ta' Diċembru 2025

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-21 ta' Frar 2025;

Ra r-Risposta tal-azjenda intimata ppreżentata fil-11 ta' April 2025;

Sema' x-xhieda bil-ġurament u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' €5,000. In sostenn ta' dan, jgħid li fit-12 ta' Diċembru 2022, ir-Rikorrent xtara mutur elettriku ġdid tat-tip Sur Ron Light Bee L1eX mingħand l-azjenda intimata bil-prezz ta' €4,850. Sfortunatament, il-*cover* tal-batterija tal-plastik beda jinqasam, u l-mutur waqaf jiffunzjoni fuq 'sports mode'. Minkejja li l-mutur ittieħed għand l-azjenda intimata diversi drabi biex jitranġa, il-problema qatt ma ssolviet.

Illi fir-Risposta tagħha, l-azjenda intimata ssostni li meta r-Rikorrent ħa l-mutur, kien apparenti li kien għamel interventi huwa stess fuq il-mutur biex qata dak li jissejjaħ '*restriction wire*', intervent illeċitu li jsir sabiex il-mutur jiġri aktar fit-triq. Għalhekk fi kliema, kwalunkwe tbagħbis mal-mutur jippreġudika l-kopertura tal-garanzija, iddeċidew li jordnaw battery cover xortawaħda mingħand il-manifattur. Eventwalment din waslet u ġiet installata. Ġiet indirizzata wkoll il-problema tal-isports mode billi tnaddaf ir-*riding mode switch assembly*. F'dak il-mument jidher li l-problema ssolviet imma kif jgħid ir-Rikorrent ukoll, kienet waħda *intermittent* u fil-fatt, wara ftit reġa' ddaħħal il-mutur u nbidlet kompletament ir-*riding mode switch assembly*. Dan xorta ma solviex il-problema u għalhekk saret spezzjoni tal-*wiring* harness kollu. Minn dan irriżulta fiċ-ċert li r-Rikorrent fil-fatt kien qata' ir-*restriction wire*. Inbidel ukoll *speed controller* b'xejn iżda imbagħad inħolqu problema ġodda bil-*battery charging*. Kienet saret *video call* mal-manifattur u wara li ġejna mitluba nagħmlu continuity test, indunaw bil-biċċa tar-*restriction wire* u qalulna li l-garanzija waqgħet minħabba dan. Ġie spjegat li meta kien qed jinbidel il-battery cover, ġie osservat ukoll li l-*battery management system* kienet ġiet by-passed sabiex tiżdied il-veloċità li jista' jilħaq il-mutur. Meta jsir dan, jiġu perikolati l-batterija u l-kumplament tal-attrezzatura elettrika tal-mutur.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*. Għalhekk, in prinċipju, dan li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur. Ovvjament, bħal kull dritt ieħor, dan huwa soġġett għal limitazzjonijiet li joħorġu jew mill-liġi jew inkella mill-ftehim bejn il-partijiet.

Illi l-azjenda intimata tibbaża d-difiża tagħha fuq allegata dekadenza mill-protezzjoni tal-garanzija. Jibda biex jingħad li kien ikun bil-wisq aktar feliċi li kieku l-azjenda intimata indenjat tippreżenta kopja tal-garanzija li hemm fuq il-mutur imma dan il-fatt waħdu ma jfissirx li mhux veru li l-garanzija hija kundizzjonata li ma jkunx hemm tbagħbis inawtorizzat fuq il-mutur. Ir-raġunament tat-Tribunal huwa bażat fuq il-fatt li l-azjenda intimata eżebiet ritratt ta' kif tkun il-kopertura tal-batterija ta' mutur identiku u din ikollha adhesive sticket li bl-aktar lingwaġġ sempliċi tgħid "*warranty void of removed*". Dan apparti li huwa minn ewl id-dinja li l-manifattur ma jistax jiggaratixxi l-effikaċja ta' prodott li jkun ġie adulterat b'interventi minn persuni li possibilment ma jkunux l-għarfien tekniku neċessarju. Jekk xejn, dawt it-tip ta' interventi huma projbiti sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-prodott. Għalhekk, fuq bażi ta' probabbilità, l-azjenda intimata seħħilha tipprova li hija kondizzjoni tal-garanzija li ma jsirux interventi inawtorizzati fuq il-mutur.

Illi minn riċerka li għamel it-Tribunal, is-sit uffiċjali tal-manifattur Sur Ron jgħid dan fuq il-materja in eżami:

> *"**Why Is Professional Help Recommended for Removing Speed Limiters?** Professionals know how to safely modify electronic components and ensure the bike maintains legal compliance, battery safety, and motor integrity. Unauthorized removal may cause damage, void warranties, or breach local regulations".* [1]

Illi stabbilit il-premess, il-punt ċentrali li issa jrid jinvestiga t-Tribunal huwa jekk sarx tbagħbis inawtorizzat fuq il-mutur minn naħa tar-Rikorrent. Mill-atti jirriżulta li:

- Hemm ritratti li jindikaw kjarament ir-*restriction wire* tal-mutur maqtugħ biż-żewġ biċċiet rimanenti insulati bit-tejp tad-dawl iswed;

- Ir-Rikorrent jinnega bil-ġurament illi huwa għamel modifiki fir-*restriction wire* u l-*battery mangement system* tal-mutur;

- Ir-rappreżentant tal-azjenda intimata jikkonferma bil-ġurament li rriżultawlu modifiki kemm fir-*restriction wire* kif ukoll bil-*battery mangement system* tal-mutur filwaqt li jinnega bil-ġurament li l-modifiki saru minnu jew ħaddiema tiegħu. Jispjega ulterjorment li dawn it-tip ta' modifiki, għalhekk mhux indikati mill-manifattur, huma komuni[2].

Illi l-verżjonijiet rispettivi tal-partijiet f'din il-vertenza huwa dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati taghna jghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda mizzewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et,*** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-

[1] https://surron.ae/blogs/news/how-to-remove-speed-limiter-on-electric-dirt-bike?srsltid=AfmBOoqgLKZhcvzVeo706CP_93BlKeZHlHxHWxZY3rZHy1dL-5RZW1Tv (aċċessat 05/12/2025)

[2] Minn riċerka indipendenti li għamel it-Tribunal, wieħed jista' saħansitra jsib diversi videos fuq is-sit Youtube li juru dawn it-tip ta' modifiki jsiru. Dan huwa wieħed mill-eżempji https://www.youtube.com/watch?v=H-yvN_QDDQo&t=230s (aċċessat 05/12/2025)

ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi wara li eżamina bir-reqqa l-atti kollha tat-Talba, it-Tribunal huwa tal-fehma konsiderata li l-verzjoni mogħtija minn Michael Von Brockdorff, rappreżentant tal-azjenda intimata, hija l-aktar waħda kredibbli mit-tnejn. Dan għaliex filwaqt li r-Rikorrent, għad li ma jammettix, jaf kellu r-raġunijiet plawsibbli tiegħu għalfejn jagħmel jew jikkummissjoni modifiki fil-mutur, fosthom sabiex jawmenta l-prestazzjoni tiegħu fejn tidħol il-veloċità, l-azjenda intimata ma kienet ser tikseb l-ebda benefiċċju billi tagħmel dawn it-tip ta' modifiki *amateurish* hija stess mingħajr struzzjonijiet tal-klijent. Intant, huwa ukoll inverosimili li l-modifiki fil-mutur setgħu saru b'xi mod ieħor *ad insaputa* tar-Rikorrent u l-ebda prova ta' dan ma nġiebet. Jiġi mfakkar li l-prinċipju fundamentali huwa li min jallega jrid jipprova.

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, l-aktar spjegazzjoni probabbli tas-sitwazzjoni hija li l-modifiki saru mir-Rikorrent u riżultat ta' dawn il-modifiki, saret ħsara fis-sistemi elettriċi tal-mutur. B'dawn il-modifiki inawtorizzati ir-Rikorrent iddekada mill-kopertura tal-garanzija. Dan iwassal għal stat ta' fatt fejn l-azjenda intimata mhux obbligata tagħmel tiswijiet biex jissolvew il-problemi riżultanti taħt il-garanzija u ċioè bla ma titlob ħlas tagħhom. Lanqas ma hemm lok, għall-istess raġunijiet, li t-Tribunal jordna t-tħassir tal-bejgħ a bażi ta' non-konformità.

Deċiżjoni:

Għalqastant, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.

Spejjeż a karigu tar-Rikorrent.

Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)
Arbitru